Kunsill Lokali Ħal Balzan
7/9, Triq Dun Spir Sammut,
Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 44

Data tal-laqgħa: 16 ta` Jannar 2018

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta` filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre` Grech – Viċi Sindku (wasal fl-4.04pm)
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Daniel Muscat – Kunsillier (wasal fl-4.06pm)
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

# Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 44.1 Qari tal-ittri ta` apoloġiji

44.1.1 Ma kienx hemm ittri ta` apoloġiji.

## 44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 43 u tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita` 2017

44.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-Tlieta u Erbgħin Laqgħa u tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita` 2017. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

44.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 44.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

44.3.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-linji sofor quddiem l-entratura tal-garaxxijiet li hemm fl-għalqa f`Wesgħa Profs. Guze Aquilina ma sarux għax instabu pjanti li juru li dik il-parti hija privata.

## 44.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

44.4.1 <u>Laqgħa mal-Arċisqof ta` Malta</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-Kappillan ta` Ħal Balzan qed jistieden lill-membri tal-Kunsill għal laqgħa ta` djalogu mal-Arċisqof ta` Malta. Din il-laqgħa se ssir nhar il-Ħadd 4 ta` Frar 2018 fid-9.30am fiċ-Ċentru Parrokkjali ta` Ħal Balzan.

**F`dan il-ħin (4.04pm) daħal il-Viċi Sindku Andre` Grech għall-laqgħa.**

44.4.2.1 <u>Toroq fil-lokalita`</u>
Is-Sindku qal li l-istat tat-toroq f`Ħal Balzan dejjem qed jiddeterjora u wasal iż-żmien li l-Kunsill jagħmel xi xogħlijiet f`xi toroq l-iktar li għandhom bżonn għax s`issa għadna ma smajna xejn min-naħa tal-Gvern Ċentrali dwar meta se jsiru t-toroq fil-lokalita`.

**F`dan il-ħin (4.06pm) daħal il-Kunsillier Daniel Muscat għall-laqgħa.**

44.4.2.2 Is-Sindku talab lis-SE sabiex tibda l-proċess biex tinħareġ sejħa għall-offerti għal brix u *large area patching.* It-talba fis-sejħa tkun għal prezz kull metru kubu, imbagħad wara jiġi deċiż fejn se jsir skond kemm ikun hemm fondi disponibbli. Sadanittant se jiġu identifikati l-akwati li l-iktar hemm bżonn li jsiru.

44.4.3.1 <u>Għalqa f`Wesgħa Profs. Guze Aquilina</u>
Is-Sindku reġgħa semma l-problema tal-għalqa f`Wesgħa Profs. Guze Aquilina. Ġie deċiż li din il-problema flimkien mal-idea li jinbena ċint madwar parti mill-għalqa, tingħalaq b`*barrier*, tiġi offruta bħala parkeġġ għar-residenti jiġu diskussi mal-Onor. Chris Agius, Segretarju Parlamentari għall-ippjanar u s-suq tal-proprjeta` fil-laqgħa li se ssir fil-15 ta` Frar 2018. F`din il-laqgħa se tiġi diskussa l-problema tal-għalqa ta` Wesgħa Profs. Guze Aquilina.

44.4.3.2 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li avviċinawh mill-*Malta Archery* fejn qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill biex isibu post minn fejn jistgħu jipprattikaw dan l-isport. Huma jkollhom bżonn madwar 80m tul. Is-Sindku ħareġ bil-proposta li jallokaw parti mill-għalqa għal din l-għaqda. Din il-proposta ġiet milqugħa mill-Kunsill u se tiġi diskussa mal-Onor. Chris Agius fil-laqgħa.

44.4.4 *Playing field* u l-*Public Convenience*

Is-Sindku reġġħa semma l-proġett ta` tisbieħ tal-*Playing field* u l-*Public Convenience*. Talab lis-SE terġġħa tikteb lid-Direttur nitolbuh risposta għat-talba tal-Kunsill.

## 44.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

44.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 44.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta` Rapporti

44.6.1 *Budget* 2018

Il-*Budget* għas-sena Finanzjarja 2018, kif approvati fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill tqiegħdu fuq il-mejda tal-Kunsill fil-*format* skont ir-regolamenti finanzjarji (anness). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

44.6.2 Il-*Budget* għas-sena Finanzjarja 2018 ġie approvat unanimament.

44.6.3 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` staqsa dwar il-*Leasing* tal-vann tal-Kunsill. Is-SE qalet li dan qiegħed b`Tender li jagħlaq fl-aħħar ta` Marzu. Il-Kunsill qabel li terġġħa tinħareġ sejħa għall-offerti għall-*leasing* ta` vann b`kundizzjoni lill-Kunsill jista` jagħżel li jixtri l-vann fl-aħħar tal-kuntratt bi prezz identifikat fl-offerta sottomessa. Is-SE se tibda l-proċess għas-sejħa.

44.6.4 Peress li l-proċess jieħu fit-tul, ġie deċiż li jintalbu 3 kwotazzjonijiet għall-kiri ta` vann. Il-prezz kwotat irid ikun għal xahar sa massimu ta` 4 xhur.

## 44.7 *Performance Bonus* għas-sena 2017 lis-Segretarju Eżekuttiv u l-Ħaddiema Klerikali

44.7.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Effiċjenza għas-sena 2017 fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv u l-ħaddiema klerikali.

44.7.2 Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tas-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* massimu ta` 10% tas-salarju.

44.7.3 Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tal-Uffiċjal Eżekuttiv. Il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* massimu ta` 6% tas-salarju.

44.7.4 Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tal-iskrivan. Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` qal li fl-opinjoni tiegħu s-SE ma kienetx ġusta li fl-*overall marking* tatu *Satisfactory Performance*. Fl-opinjoni tiegħu kien ħaqqhu *Highly Commendable.* Is-SE qalet li fl-opinjoni tagħha kienet ġusta fil-kummenti kollha li għaddiet u bl-ebda mod ma fissret li l-iskrivan mhux tajjeb f`xogħlu. Is-SE qalet li l-iskrivan ingħata *Satisfactory Performance* biex toħloq distinzjoni bejn l-Uffiċjal Eżekuttiv li ilha taħdem mal-Kunsill kważi għaxar (10) snin u l-iskrivan li għadu lanqas għalaq sena. Is-SE qalet ukoll li dan ir-rapport ġie diskuss mal-iskrivan .Il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* massimu ta` 6% tas-salarju.

## 44.8 *One-Way System* fi Triq Guze Bonnici

44.8.1 Il-Viċi Sindku Andre` Grech flimkien mal-Kunsillier Daniel Muscat ippreżentaw il-proposta biex parti minn Triq Guze Bonnici, parti minn Triq l-Annunzjata u Triq Wigi Ebejer jiġu *one-way.* B`hekk jiġu evitati diversi inċidenti tat-traffiku peress li ta` spiss jintlaqtu karozzi li jkunu pparkjati minħabba li Triq Guze Bonnici (bejn Triq Wigi Ebejer u Triq Balaguer) dejqa.

44.8.2 Kif qed jiġi propost (*site plan* annessa), it-trasport pubbliku mhux se jiġi affettwat u mhu se jintilef l-ebda *parking*.

44.8.3 Wara li ġiet diskussa din il-proposta ġie deċiż li ssir applikazzjoni ma` Transport Malta. Il-Kunsillier Daniel Muscat se jipprepara *site plan* aktar dettaljata sabiex tintbagħat mal-applikazzjoni.

44.8.4 Jekk din il-proposta tiġi approvata minn Transport Malta, ser tintbagħat ittra lir-residenti ta` Triq Guze Bonnici, Triq Balaguer, Triq l-Annunzjata u Triq Wigi Ebejer u lill-ħwienet u l-Każini tal-akwati. F`din l-ittra jiġi spjegat fid-dettal dan it-tibdil u li se jkun b`perjodu ta` prova. F`dan il-perjodu, il-Kunsill se jkun qed jieħu l-*feedback* tagħhom biex titteħed id-deċiżjoni finali. Kien hemm qbil li jinżamm rendikont ta` kemm jintbagħtu ittri u li min ma jibgħatx rispons se jkun ikkunsidrat li ma jsibx oġġezzjoni ma` dan it-tibdil.

## 44.9 Ilmenti u *Items* oħra ta` xogħol ieħor tal-Kunsill

44.9.1.1 <u>*Increment* – Skrivan tal-Kunsill</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-iskrivan tal-Kunsill fit-13 ta` Frar 2018 kien ser jagħlaq sena fl-impieg tiegħu u għaldaqstant kien imisshu jieħu l-ewwel *increment* fis-salarju tiegħu.

44.9.1.2 Is-SE qalet li bl-iffirmar tal-ftehim kollettiv il-ġdid l-*increments* jingħataw fl-1 ta` Jannar, l-1 ta` April, l-1 ta` Lulju u l-1 ta` Ottubru bil-perjodi skont meta l-impjegati jkunu daħlu. Fil-każ tal-iskrivan irid jingħata mill-1 ta` Jannar.

44.9.1.3 Il-Kunsill unanimament approva biex l-iskrivan jieħu l-increment li jmiss fi Skala 15, minn Skala 15/3 għal Skala 15/4.

44.9.2 <u>*Petty Cash Float*</u>
Is-SE talbet li l-*Petty Cash Float* jiżdied minn €116.47 għal €250 għax l-ammont m`għadux adekwat issa li nbidlet il-liġi dwar il-limitu għall-infieq bi flus minn €23.29 għal €50. Il-Kunsill unanimament approva.

44.9.3.1 <u>Talba biex jinbena *boundary wall*</u>
Is-sid qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jinbena *boundary wall* fuq il-bankina u l-*parking bays* quddiem is-sit fil-Wied ta` Ħal Balzan skond PA/05390/16.

44.9.3.2 Il-Kunsill approva bil-kundizzjoni li tinbena bankina temporanja wiesgħa 1.2m mis-sid sakemm jinbena s-sular t`isfel. Kif jinbena s-sular t`isfel, il-*boundary wall* kif ukoll il-bankina temporanja għandhom jitneħħew u terġa` tinbena l-bankina kif kienet oriġinarjament mis-sid.

44.9.4 <u>Direttiva Nru 3/2017 – Regolamenti u Linji Gwida dwar l-Akkwist (*Procurement*) mill-Kunsilli Lokali</u>
Ġiet innutata Direttiva Nru 3/2017 – Regolamenti u Linji Gwida dwar l-Akkwist (*Procurement*) mill-Kunsilli Lokali mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

44.9.5.1 <u>Ċirkulari AKL 2018/002 – Viżibilita` lill-Kunsilli Lokali fuq PBS</u>
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2018/002 – Viżibilita` lill-Kunsilli Lokali fuq PBS mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

44.9.5.2 Il-Kunsill qabel li jipparteċipa fil-programm 'Illum ma` Steph'. Għall-intervista fil-programm se jattendi s-Sindku.

44.9.6 <u>Ċirkulari Nru 1/2018 – Inizjattiva – Kors fil-Kitba bil-Malti (Livell 5 – MQF): Ċertifikat fil-Qari tal-Provi bil-Malti</u>
Ġiet innutata Ċirkulari Nru 1/2018 – Inizjattiva – Kors fil-Kitba bil-Malti (Livell 5 – MQF): Ċertifikat fil-Qari tal-Provi bil-Malti (*Certificate in Proofreading Maltese*) mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

44.9.7.1 <u>Kwotazzjoni – *Supply of 3 flag poles*</u>
Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet kwotazzjoni għal provvista ta` 3 arbli tal-bnadar li tammonta għal €499 u €100 għat-twaħħil.

44.9.7.2 Il-Kunsill unanimament approva l-kwotazzjoni għal provvista ta` 3 arbli. It-twaħħil se jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

44.9.8 *Clamping and Towing* fuq vetturi bi pjanċi barranin

Ġiet innutata *email* mibgħuta minn Transport Malta fejn qed jinfurmaw lill-Kunsilli Lokali li mill-1 ta` Jannar 2018, ġie mniedi proġett ta` infurzar permezz ta` *clamping u towing* fuq vetturi bi pjanċi barranin li jkunu qegħdin ipparkjati f`postijiet pubbliċi b`mod illegali.

**F`dan il-ħin (5.20pm) il-Viċi Sindku Andre` Grech talab li jiġi skużat mil-laqgħa.**

## 44.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti

44.10.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta` pagamenti nru. 1/18 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta` €25,337.39.

44.10.2 L-iskeda ta` ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 44.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

44.11.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.30pm.

44.11.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 12 ta` Frar 2018 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tnejn, 12 ta` Frar 2018.

IFFIRMATA

Nut. Ian Spiteri
Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv